

5. il-valur tax-xiri tal-flus naqas mal-mogħdija taż-żmien, u dan ifisser telf reali għall-persuna li twettaq il-ħlas monetarju,
6. it-tqegħid għad-dispożizzjoni temporanja tal-flus għal użu jista' jiġi ttrattat bħala t-tweqqiq ta' servizz li għalih il-persuna li twettaq il-ħlas monetarju ma kisbitx remunerazzjoni?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

Appell ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2021 mill-Innovative Cosmetic Concepts LLC mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fis-16 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-196/20, Chanel vs EUIPO – Innovative Cosmetic Concepts (INCOCO)

(Kawża C-523/21 P)

(2022/C 64/14)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Innovative Cosmetic Concepts LLC (rappreżentanti: J. Oria Sousa-Montes, P. Revuelta Martos u I. Temiño Cenicerros, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Chanel

Permezz ta' digriet tas-16 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) ordnat li l-appell ma jiġix ammess.

Appell ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2021 minn PL mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fis-16 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-586/19, PL vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-537/21 P)

(2022/C 64/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: PL (rappreżentant: N. de Montigny, avocate)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- Tilqa' l-appell u tannulla s-sentenza appellata;
- Tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali;
- Tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti fil-kuntest ta' din il-proċedura u tal-proċedura fl-ewwel istanza.

Aggravji u argumenti prinċipali

Fl-appell tagħha, l-appellanti tqajjem, essenzjalment, l-aggravji u l-argumenti li ġejjin:

1. Dwar ir-rifjut tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tar-rikors għal annullament:

Il-kelma “whistleblower”, użata mill-Qorti Ġenerali, ma tinsabx fir-Regolamenti tal-Persunal u timplika evalwazzjoni ppreġudikata u negattiva.

Billi qieset indispensabbli li tiġi stabbilita rabta bejn l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni kkontestat u d-denunzji li r-rikorrenti għamlet quddiem l-OLAF, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u kkontradixxiet it-tagħlim li joħroġ mill-Kawża T-689/16.